**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Avviz Nru.: 196/2015MV**

**Mar-Pierre Estates Ltd (C 16561)**

**vs**

1. **Joseph Garret (KI 277685M)**
2. **Thrisa Baldacchino (KI 326891M)**
3. **Filippa Borg (KI 700150M)**
4. **John Cortis (KI 728951M)**
5. **Emmanuel Cortis (KI 814753M u b'digriet tal-Qorti tat-02 ta' Mejju 2018, wara l-mewt ta' Emmanel Cortis l-atti ġew trasfużi f'isem Antoine Cortis bħalal eredi universali u f'isem Anna Cortis għal kull interess li jista' jkollha**
6. **Carmen Borg (KI 51160M)**
7. **Joseph Cortis (KI 713455M)**

**Illum, 4 ta' Marzu, 2020**

Il-Qorti;

Rat l-avviz tas-socjetà attrici li talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu:

“lis-soċjetà esponenti l-ammont ta’ €3727 jew kwalsiasi somma oħra verjuri li tiġi determinata minn dina l-Qorti, flimkien mat-taxxa fuq il-valur Miżjud, flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, bħala ħlas tas-senserij u servizzi oħra reżi lilkom mis-soċjetà esponenti wara l-vendità formali tal-fondi numru 32 u 34, Triq l-Ghasfura, Haz-Zebbug (Malta), liema bejgh gie perfezzjonat permezz ta’ att pubbliku tad-9 ta’ Jannar 2015 in atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil (Dok. B);

Bl-imghax legali dekoribbili mid-data fuq imsemmija sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal- ittri ufficjali tat-12 ta’ Frar 2015 fil-konfront ta’ Joseph Garret u tal-ittra uffiċjali tal-21 ta’ Mejju 2015 fil-konfront ta’ Filippa Borg et (ahwa Cortis). (Dok. C u Dok. D)”

Rat ukoll ir-risposta tal-konvenuti li tghid hekk:

“1. Illi t-talbiet tas-socjetà attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante li s-socjetà attrici naqset milli tezegwixxi x-xoghol taghha ta’ sensal kif mehtieg u rikjest mil-ligi u mill-gurisprudenza u kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.”

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetà attrici.

Rat illi l-konvenuti naqsu milli jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijet taghhom minkejja t-terminu moghti lilhom.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza in difett t'ostaklu.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

**It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-Qosor**

Illi f'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qed titlob il-hlas ta' senserija fl-ammont ta' tlett t'elef seba' mija sebgha u ghoxrin Ewro (€3,727) in konnessjoni ma' bejgh ta' proprjetà.

Il-konvenuti sostnew li r-rapprezentanta tas-socjetà attrici Pauline Debono kienet marret fil-fond mibjugh darba biss ma' Joseph Garret, waqt liema laqgha ma kien hemm ebda konverzazzjonijiet u negozjati.

**Provi**

Permezz ta' affidavit[1] tar-rapprezentant tas-socjetà attrici, **Pauline Debono**, din ta' l-ahhar spjegat li hija l-unika direttrici tas-socjetà Mar-Pierre Estates Limited u tahdem fil-proprjetà. Hija tenniet li fis-sajf tas-sena 2013 Joseph Garrett kien cemplilha ghax kien interessat jixtri *farmhouse* b'zewg tomniet maghha li kienet qed tirriklama hi fuq *maltapark*. Tghid li ltqaghu izda din id-dar ma ghogbitux u haditu jara

[1] A folio 17 – 21 tal-process

d-dar li effettivament huwa xtara permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil datat 9 ta’ Jannar, 2015. Tispjega li kienet cemplet lil John Cortis li kien mar jifthilha immedjatament. Joseph Garrett kien ghogbu l-post u Pauline kienet issuggeriet li jiehu lis-siehba tieghu.

Tghid li fl-ewwel inkontru John kien qed jitlob Lm100,000 izda Joseph Garrett kien lest li jhallas Lm80,000 ghax ried jixtri l-ghorfa ukoll. Tispjega li hi nnegozjat mal-vendituri sabiex jirriducu t-talba taghhom ghal Lm80,000 biex jirnexxi n-negozju filwaqt li tispjega li hija kienet offritilhom li hija tiehu 1% senserija minn kull parti u mhux kif kemm suppost u dan sabiex tghamlilhom kuragg bl-intiza li jirnexxi n-negozju.

John Cortis kien qalilha li kien ser ikellem lil hutu u Garrett kellu jiehu lil Thrisha mieghu biex tara il-post madanakollu din ta’ l-ahhar baqghet qatt ma marret u meta regghu marru fuq il-post Joseph ha mieghu lil Karmenu Cilia u cioè hatnu peress li kien jifhem fil-bini.

Spjegat xi dettalji li kienu raw fil-post u l-fatt li kienu ddiskutew l-ghorfa li kienet ta’ terzi. Hija kompliet tghid li f’Mejju 2014 Giuseppi Cortis kien lest li jbiegh il-post bil-prezz ta’ Lm80,000 però kien rega’ infurmaha li ried ikellem lil hutu hu ghax wahda minnhom rasha iebsa hafna. Giuseppi baqa’ ma tahix risposta u dejjem kien jghidilha tistenna. Min-naha l-ohra Joseph Garrett kien jghidilha li ghadu jrid jiddiskuti mas-siehba tieghu izda taha x’tifhem li ghadu interessat.

Ix-xhud tispjega li hi pruvat tkellem lill-ahwa u peress li Carmena Farrugia, li hija sensara anzjana kienet tafhom lill-vendituri ahwa Cortis, kemm-il darba marret maghha biex tkellimhom. Tghid li darba minnhom marru jkellmu lill-ahwa izda Guzeppi waqqafha milli tkellem lil hutu u talabha biex thalli f’idejh.

Tghid li fil-15 ta' Ottubru 2014 Joseph Garrett cempel lil Pauline biex jiltaqghu l-Imtarfa biex ikellmu lis-sid ta' l-ghorfa, certu wiehed Leli Muscat, kif fil-fatt ghamlu izda dakinhar Joseph baqa' fil-karozza. Tispjega li ghall-ewwel Leli Muscat ma riedx ibiegh l-ghorfa biss izda wara hafna persistenza huwa accetta li jbiegha b'Lm20,000 u bil-patt li jkun gie ffirmat il-konvenju tad-dar qabel.

Tghid li sussegwentament u cioè f'Novembru 2014 Guzeppi infurmaha li kien ser isiefer u qalilha li kienu ser iwaqqfu kollox izda tkompli tghid li fil-frattemp kienu diversi drabi li ltaqghet ma' Joseph fit-triq u dejjem kien jghidilha li ghadu jahsibha, sakemm f'Dicembru 2014 rat lil Joseph Garrett fil-post izda kien cahad li xtara il-fond in kwistjoni minghand l-ahwa Cortis. Madanakollu tispjega li regghet rat lill-istess Joseph Garrett fil-fond u kienet talbet lil omm Joseph Garrett tghid lil dan ta' l-ahhar biex icemplilha, liema telefonata saret fejn giet infurmata li kienu mexxew b'agent iehor, kif effettivament irrizultalha wara li ghamlet ir-ricerki fuq l-istess Jospeh Garrett. Dan il-fatt regghet ikkonfermatu meta f'Awwissu tas-sena 2015 hija ltaqghet ma' Leli Muscat li infurmaha li kien biegh l-ghorfa lil Joseph Garrett.

In **kontro ezami**[2], Pauline Debono xehdet li hija kienet hadet diversi nies jaraw il-fond kif ukoll fuq il-fatt li hija kienet giet ingaggata mill-vendituri sabiex tipprova tbieghilhom id-dar bil-patt li hija zzommilhom 1%: "*John Cortis kien infurmani illi kienu interessati jbieghuha bhala l-ahwa din il-house of character, fil-fatt kien kellimni peress li jafni bhala sensara minn Haz-Zebbug u qalli jekk izommilna bil-1% ninkarigawk sabiex iggibilni n-nies biex ibieghu l-post.*"

[2] A folio 40 tal-process

Xehdet **Gertrude Francica** permezz tal-procedura ta' l-affidavit[3] li spjegat li f'Lulju tas-sena 2015 hija flimkien ma' Pauline Debono marret tara dar Haz-Zebbug u meta talbu lis-sid sabiex jifthilhom bieb, huwa kien infurmahom li dak il-bieb jaghti ghal ghorfa u li kien bieghha lil certu Joseph.

Fit-30 ta' Novembru, 2016[4], xehed **John Cortis** li spjega li wara l-mewt tal-genituri tieghu, hu u hutu Filippa Borg, Emanuel Cortis, Joseph Cortis, Carmel Borg wirtu l-fond 32/34 Triq l-Ghasfura, Haz-Zebbug. Kompla jghid li ftehmu li jbieghu dan il-fond u kienu marru diversi sensara u agenziji fosthom Pauline Debono.

John Cortis spjega li lil Joseph Garrett sar jafu l-ewwel darba meta kienet haditu Pauline Debono f'liema darba huwa kien ircieva telefonata, mar jiftah id-dar u qaghad jistennihom sakemm jaraw id-dar bilqieghda fuq in-naha ta' barra. Ix-xhud zied jghid li ma kien hemm ebda tip ta' konverzazzjoni jew kommunikazzjoni bejniethom u ma sema' xejn aktar u qatt ma rega' raha. Jghid però li Joseph Garrett kien mar ma' sensar iehor madwar sena wara.

Ix-xhud spjega li l-prezz li kienu qed jitolbu kien ta' Lm150,000 izda meta ma kellhom lil hadd interessat jixtri b'dak l-ammont huma rriducew il-prezz.

In **kontro ezami**[5] John Cortis jghid li hu u hutu kienu inkarigaw lil Pauline Debono bhala sensara u jispjega li Joseph Garrett kien mar jara l-fond kemm ma' Pauline Debono kif ukoll ma' persuna ohra. Mistoqsi jekk il-persuna l-ohra kienx hatnu u cioè Carmelo Cilia, huwa jghid li ma jafx l-isem izda kkonferma li kienu tkellmu fuq l-*isnooker*.

[3] A folio 37 tal-process
[4] A folio 48 tal-process.
[5] A folio 54 tal-process.

Madanakollu huwa cahad li Joseph Garrett mar jara l-fond darbtejn ma' Pauline u anke li Pauline hadet persuni ohra, izda ikkonferma li Joseph Garrett kien interessat li jakkwista l-ghorfa.

Nhar is-16 ta' Jannar, 2019[6] xehed **Joseph Garrett** li spjega li lil Pauline huwa kien ghamel kommunikazzjoni maghha wara li kien ra li qed tirriklama ghalqa li kien thajjar ghaliha. Jispjega li hu flimkien ma' persuna ohra kienu marru jiltqaghu ma' Pauline Debono izda din l-ghalqa ma kinitx ghogbithom u kienu marru jaraw dar ghax ma kellhomx x'jaghmlu.

Ix-xhud kompla jghid li dak iz-zmien u cioè madwar sentejn qabel ma xtara id-dar huwa lanqas kien gharus u ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jakkwista proprjetà tant li lanqas prezz ma kienu tkellmu.

In **kontro ezami** x-xhud spjega li dak inhar li kienet haditu Pauline Debono '*bil-kemm dhalt gewwa'* filwaqt li kkonferma li t-tfajla tieghu kienet Thrisha Baldacchino. Huwa cahad li mar it-tieni darba jara l-fond ma' hatnu Carmelo Cilia izda xehed li kien mar mieghu l-ewwel darba, filwaqt li cahad ukoll li qatt iddiskuta l-akkwist ta' l-ghorfa u jghid li hu kien mar ikellem lis-sid ta' l-ghorfa.

## Gurisprudenza u Principji Legali Applikabbli

Illi l-kwistjoni odjerna titratta dwar l-istitut ta' senserija. Dan l-istitut evolva fil-ligi taghna permezz tal-gurisprudenza lokali. Il-Qorti iddeskriviet x-xoghol ta' sensar fil-kawza fl-ismijiet **Antonio Spiteri et vs Vittoria Maria Caruana** deciza fil-31 ta' Ottubru, 1924, Vol. XXV.ii.598, bhala individwu "che si intromette in un determinato

[6] A folio 81-92 tal-process.

negozio per avvicinare due o piu’ persone a divenire ad una conclusione dello stesso, partecipando egli delle due volonta’ contraenti, senza pero’, che la sua personalita’ vada a confondersi con quella di alcuna delle parti, coll’aspettativa in lui di aver la sua retribuzione a titolo di senseria se il negozio verra’ conchiuso…”

In oltre il-Qorti ddeskriviet dan id-dritt fis-sentenza fl-ismijiet **Francesco Ciantar et vs Carmelo Demarco** deciza fit-12 ta’ Dicembru 1919 - Vol.XXIV.i.247,: -

> “Il diritto di senseria e’ dovuto al mediatore non tanto per i suoi sforzi verso la riuscita dell’affare, quanto per motivi di ordine pubblico economico, giovando l’opera del sensale alla frequenza e facilita’ delle contrattazioni, che sono elementi di generale prosperit.’’

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Cilia vs Giuseppe Spiteri**, deciza fid-19 ta’ Mejju 1906 - Vol.XIX.ii.126, gie ritenut li sakemm ma jkunx hemm il-konkluzjoni tat-transazzjoni, liema konkluzjoni saret permezz tax-xoghol li ghamel is-sensar allura ma jistax wiehed jitkellem dwar senserija.

Fil-fatt il-gurisprudenza tiddistingwi bejn dritt shih ghas-senserija u meta l-medjazzjoni ma tkunx “shiha”, dritt ta’ kumpens. Il-kumpens, u mhux senserija, huwa dovut meta l-operazzjoni ta’ kompra-vendita li ghaliha saret medjazzjoni, ma tkunx sehhet. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta’ Marzu, 1953 fl-ismijiet **E. Borg vs E. Bartoli et (Vol 37 p1 p89)** tghallem illi:

> “Jekk is-sensal ikun ikkoncilja l-partijiet dwar is-sostanzjali u l-accidentali ta’ l-operazzjoni, b’mod li n-negozju guridiku jigi

konkjuz, allura, jekk ix-xoghol tieghu ma jkunx koronat bl-esekuzzjoni effettiva ghal xi raguni, li ma tkunx it-tort jew il-fatt tieghu, hu ghandu dejjem dritt ghall-hlas; izda mhux ghas-senserija pjena, imma ghal kumpens in bazi ghal mandat jew lokazzjoni d'opera, fissabbli diskrezzjonalment mill-Qorti." Ara ukoll (Vol XXXVI pII p394 **Pace vs Tabone**).

"Il-fatt li bniedem jaghti semplicement informazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar, cioe bla ma jadopera ruhu bl-ebda mod biex ilaqqa' l-kunsens tal-partijiet, ma jaghtix dritt la ghal senserija u lanqas ghal kumpens". (**Pace vs Tabone** Vol 36 p 2 p 394; **Bonavia vs Grech** 21.2.47; **Vol XXXIII pII p23**; **Vol XLIX pII p993**). Biex ikun hemm lok ghal tali kumpens hemm bzonn li jkun hemm inkarigu espress jew tacitu (**Alfred Antignolo -vs- Louis Magri et noe**", Appell, 21 ta' Frar 1996).

Fis-sentenza **Francesco Ciantar et vs Carmelo Demarco** tat-12 ta' Dicembru 1919 - Vol.XXIV.i.247, il-Qorti tenniet: -

"…al mediatore civile non spetti diritto di senseria quando l'affare non fosse conchiuso, o fosse conchiuso sopra tratto differente da quello fatto dal mediatore…" Inoltre': -

"…a perfezionare l'atto di mediazione o senseria richiede il concorso di due elementi, cioe' :-

(i) che l'intromissione del mediatore sia accettata da ambedue i contraenti, sia pure tacitamente;

**(ii)** che mediante l'opera del mediatore si sia ottenuto lo "in idem placitum consensus" delle parti secondo la legge…"

Fil-kawza fl-ismijiet **Schembri vs Bartolo**, deciza fis-26 ta' Gunju 1965, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tenniet illi:

> "Ghall-akkwist ta' senserija, is-sensal irid jara li permezz tieghu hu jlaqqa l-partijiet interessati fuq dawk l-elementi tal-operazzjoni, klassikament imsejha "is-sostanzjali u l-accidentali" tal-kuntratt."

L-elementi rikjesti sabiex jigi stabbilit jekk hijiex dovuta senserija gew ribaditi fil-kaz **K.B. Real Estate Ltd. vs Silvio Felice Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru 2009:

> "Jibda biex jinghad li f'materja ta' senserija huma applikabbli dawn il-principji. Illi in tema legali jigi osservat li biex jiskatta d-dritt ghas-senserija jridu jikkonkorru tlett elementi principali: (1) Illi l-konkluzjoni tan-negozju prospettat; (2) Illi l-intromissjoni tas-sensal tkun giet rikjesta jew almenu accettata miz-zewg kontraenti, u (3) illi l-attivita tas-sensal tkun wasslet lill-partijiet ghal in idem placitum consensus. Illi sabiex tippersisti s-senserija jehtieg li jkun hemm dawn it-tlett elementi. Dan gie ribadit b'mod kostanti fil-gurisprudenza nostrana". (Ara wkoll **Demajo vs Micallef**, App Civ 10/5/1922; **Scerri et vs Zahra et**, P.A. 20/11/1958, **Bugibba Real Estate Ltd. vs Joseph Portelli et**, P.A. – 30 ta' Mejju 2003).

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tosserva illi dak li jrid jigi ddeterminat f'din il-kawza huwa jekk fil-fatt, is-socjetà attrici ghandhiex dritt ghas-senserija jew imqar ghall-kumpens ghas-servizzi rezi.

Fil-kaz in ezami, skond ir-rapprezentanta tas-socjetà attrici hija kienet qed tinnegozja mal-konvenuti ahwa Cortis sabiex Joseph Garrett jakkwista l-fond, li s-sensarija fuq il-bejgh tieghu hija mertu ta' din il-kawza. Irrizulta wkoll li sabiex dan in-negozju jirnexxi, hija kienet anke marret tkellem lil Leli Muscat peress li Joseph Garrett kien lest jakkwista d-dar bil-patt li jakkwista l-ghorfa.

Il-Qorti ssib ix-xhieda tar-rapprezentanta tas-socjetà attrici Pauline Debono aktar kredibbli minn dak tal-konvenuti. Il-provi pozittivament jistabilixxu illi kien permezz tal-hidma tas-socjetà attrici illi l-konvenuti qua vendituri u l-kompraturi tlaqqghu flimkien u waslu ghall-ftehim tal-kompravendita, oggett tal-kuntratt. F'termini gurisprudenzjali dan, ghal din il-Qorti, jfisser illi s-socjetà attrici gabet flimkien lill-partijiet interessati "fuq dawk l-elementi ta' l-operazzjoni sostanzjali u accidentali tal-kuntratt" kif stabbilit fil-kawza **Emmanuele Borg vs Emmanuele Bartoli et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu, 1953.

Il-Qorti tinnota diversi divergenzi fix-xhieda tal-konvenuti primarjament fil-perjodu meta Pauline Debono iltaqghet ma' Joseph Garrett biex jara l-fond. Minkejja li fil-kontro ezami, il-konvenuti pruvaw jaghtu l-impressjoni li dan kien fis-sena 2011, kien l-istess Joseph Garrett li xehed li effettivament Pauline Debono haditu jara l-fond fis-sena 2013 meta huwa qal li mar maghha sentejn qabel ma xtara il-fond mertu ta' din il-kawza.

In oltre u aktar car huwa l-fatt li l-konvenut Joseph Garrett xehed li dak iz-zmien li kien mar jara l-ghalqa u l-fond lanqas kien ghadu gharus. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tinnutax li fuq ammissjoni tieghu stess u anke mix-xhieda ta' John Cortis, il-persuna li kien prezenti mieghu biex jara l-fond kien Carmelo Cilia u cioè hatnu.

In kwantu ghas-senserija dovuta mill-vendituri, il-verzjoni li tat Pauline Debono u cioè li hija kienet ftehmet mal-partijiet sabiex izzomm bir-rata ta' 1% minghand il-vendituri u l-Kompratur giet ikkonfermata minn John Cortis.

Jirrizulta ulterjorament mill-atti processwali li l-konvenut Joseph Garrett kien inkariga lil Pauline Debono bhala sensara izda meta kienu waslu fl-istadju finali u cioè kienu lahqu ftehim, huma ghaddew biex jikkonkludu n-negozju minghajr l-istess Pauline Debono.

Fid-dawl tal-principji legali enuncjati u mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi ta' dan il-kaz jirrizulta li Pauline Debono mhux talli laqqghet il-partijiet u ghamlet xoghol konsegwenzjali biex bdew in-negozjati izda dawn in-negozjati waslu ghall-ftehim, liema ftehim gie konkluz bl-operat taghha.  Fil-fatt mill-provi jirrizulta car l-inkontru mill-attrici mal-konvenuti u ma' Leli Muscat. Jirrizulta mill-affidavit ta' l-istess rapprezentanta tas-socjetà attrici li hija kienet innegozjat l-ammont ta' Lm80,000 ghad-dar u Lm 20,000 ghall-ghorfa. Madanakollu proprju fl-ahhar meta kien wasal biex isir il-konvenju, John Cortis infurmaha li kien ser isiefer u ghalhekk kien ser iwaqqaf kollox filwaqt li l-kompratur baqa jghidilha li irid jiddiskutiha mat-tfajla.

Però l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tas-socjetà attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha meta kkonkludiet li fuq in-nota ta' insinwa a folio 4-5 tal-process l-agenzija ta' Homes Direct ma kinitx parti mill-

kuntratt u dan stante li min-nota ta' insinwa tali dettal qatt ma jirrizulta. Li kellha taghmel is-socjetà attrici sabiex tistabbilixxi jekk hux effettivament minnu li giet inkarigata agenzija ohra, kienet li tipprezenta l-kuntratt ta' l-akkwist.

It-talba tas-socjetà attrici hija formolata b'tali mod fejn is-socjetà attrici qieghda titlob 'hlas tas-senserija u servizzi ohra rezi'. Il-Qorti tinnota li galadarba t-tlett rekwiziti fuq spjegati huma sodisfatti fl-intier, is-socjetà attrici hija intitolata ghal senserija.

In oltre u finalment il-Qorti tinnota li fuq ammissjoni ta' l-istess Pauline Debono din ta' l-ahhar qatt ma kellha kommunikazzjoni ta' Thrisa Baldacchino u ghaldaqstant ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u konsegwentament ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat filwaqt li tilqa t-talba tas-socjetà attrici u

i. Tillibera lil Thrisa Baldacchino mill-osservanza tal-gudizzju stante nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-istess Thrisa Baldacchino u Pauline Debono; u

ii. Tikkundanna lil intimat Joseph Garrett ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €2,199.46c rapprezentanti s-somma ta' elf, tmien mija, tlieta u sittin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,863.95c) wiehed fil-mija (1%) tal-prezz u tliet mija, ħamsa u tletin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€ 335.51c) VAT relattiv, oltre l-imghax legali dekorribbli mit-

12 ta’ Frar 2015 u cioè mid-data ta’ l-ittra ufficjali prezentata fil-konfront ta’ l-istess Joseph Garrett, sad-data tal-effettiv pagament; u

iii. Tikkundanna lill-intimati Filippa Borg, John Cortis, Antoine Cortis, Anna Cortis, Carmen Borg u Joseph Cortis flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta’ €2,199.46c rapprezentanti s-somma ta’ €1,863.95c 1% tal-prezz u € 335.51c VAT relattiv, oltre l-imghax legali dekorribbli mill-21 ta’ Mejju, 2015 u cioè mid-data ta’ l-ittra ufficjali prezentata fil-konfront ta’ l-istess sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez tal-imsemmija ittri ufficjali u tal-prezenti procedura kontra l-intimati, li ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs minn Joseph Garrett u nofs mill-vendituri fuq il-kuntratt u successuri fit-titolu u cioè Filippa Borg, John Cortis, Antoine Cortis, Anna Cortis, Carmen Borg u Joseph Cortis in solidum bejniethom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur